# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar it-Tlieta 6 ta’ Novembru, 2001 .

### Citazzjoni numru : 81/01G1(PC)

**Carmen xebba Grech .**

**VS**

**Paul u Margot sive Margaret Emilia konjugi Portelli .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :**

**Illi permezz ta’ kitba privata tas-sittax (16) ta’ Ottubru ta’ l-elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) il-konvenut Paul Portelli ha b’self minghand Francis Grech u martu Maria Anne Grech is-somma ta’ ghaxart elef u erba’ mitt lira Maltija (Lm10.400) li kellhom jigu restitwiti fi zmien sentejn mid-data ta’ dik il-kitba bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena a scaletta (Dok. A) ;**

**Illi l-istess Francis u Mary Anne Grech huma t-tnejn mejta u l-attrici hija l-eredi unika taghhom .**

**Illi l-konvenuti naqsu li jhallsu l-imghax b’effett mis-sittax (16) ta’ Ottubru tal-elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) lil hawn u naqsu li jirrestitwixxu l-kapital ma’ l-gheluq it-terminu msemmi u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas da parti tal-attrici u minkejja diversi promessi da parti tal-konvenuti .**

**Illi fil-fehma ta’ l-attrici dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’iqanqlu ghat-talbiet li qeghdin isirulhom u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh .**

**Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta .**

2. **Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' ghaxart elef u erba' mitt lira Maltija (Lm10,400) dovuti bhala restituzzjoni tal-kapital fuq imsemmi u dan oltre l-imghax mis-sittax (16) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) sad-data tal-effettiv pagament .**

3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici l-ammonti hekk likwidati .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-8 ta' Mejju 2000, tat-2 ta' Ottubru 2001 u tal-20 ta' April, 2001 u ta' l-ittra ufficjali ipprezentata f'Awissu 2001 u tal-mandati ta' qbid u Sekwestru fl-istess ismijiet ipprezentati kontestwalment ma' din il-kawza .**

**Il-konvenuti huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdin jigu ngunti .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici minnha kkonfermata bil-gurament .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument A, kopja tal-kitba maghmula bejn il-partijiet, tas-16 ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996); u bhala dokument B, l-affidavit mahluf mill-istess attrici, a tenur ta' l-artiklu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kapitlu 12 tal-ligijiet ta' Malta .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti, illi ggib id-data tad-29 ta' Ottubru, 2001 .**

**Rat in-nota ta' l-istess konvenuti pprezentata fl-udjenza tal-lum, li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici .**

**Il-Qorti ghal hekk u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara l-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-attrici fis-somma ta' ghaxart elef u erba' mitt lira maltija (Lm10,400), dovuti bhala restituzzjoni ta' kapital indikat fic-citazzjoni, u dana oltre l-imghax dovut mis-sittax (16) ta' Ottubru, 1996 sad-data tal-pagament effettiv .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Mejju 2000, tat-2 ta' Ottubru 2001 u tal-20 ta' April, 2001 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Awissu 2001 u tal-mandati ta' qbid u Sekwestru fl-istess ismijiet ipprezentati kontestwalment ma' din il-kawza, kollox kontra l-istess konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S8101Pc
623